30 ta' Jannar, 1954

Imħallef:

Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Toni Xuereb

## Art. 23 tal-Kodiċi Kriminali — Applikazzjoni tal-Piena Sospiża.

*L-imputat li jiġi misjub ħati ta' reat u jiġi liberat taħt il-provvedimenti ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, jekk jikkommetti reat ieħor fiż-żmien tal-preskrizzjoni tar-reat ta' qabel, huwa suġġett għall-piena preskritta mill-liġi għat-tieni reat, u l-Qorti tista' wkoll tagħtieh piena oħra għar-reat ta' qabel.*

*Għalkemm il-liġi tgħid li l-Qorti "tista" tagħtieh piena oħra għar-reat ta' qabel, din il-lokuzzjoni tal-liġi ma tfisserx sempliċi fakoltà tal-Qorti li tagħti dik il-piena ulterjuri, imma għandha tiġi nterpretata fis-sens li timporta "obligu"; b'mod li meta l-Qorti tkun soddisfatta li kien hemm dikjarazzjoni ta' reità preċedenti, u li l-imputat assuma l-obligazzjoni preskritta mill-art. 23 li ġie*

*lilu applikat, u li l-imputat li ġiеh quddiemha hu dak stess li assuma l-obligazzjoni, u li dan ir-reat l-ieħor ġie kommess fiż-żmien imsemmi mill-liġi, il-Qorti "għandha" tgħaddi għall-applikazzjoni tal-piena kongrwa għall-ewwel reat.*

*Imma l-piena għall-ewwel reat għandha tiġi applikata fl-istess kawża fejn l-imputat jiġi misjub ħati tat-tieni reat, u mhux leċitu li tintalab dik il-kundanna f'kawża oħra susseġwenti. U għalhekk, jekk il-Qorti li tikkundanna l-imputat għat-tieni reat ma ġietx mitluba biex tapplika l-piena għall-ewwel reat, u ma tkunx applikatha, ma tistax issir wara kawża oħra biex fiha jsir dak li ma sarx allura, jiġifieri biex tingħata biss il-kundanna għall-ewwel reat.*

Dan hu appell ta' l-Attorney General minn sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-*Maġistrati ta'* Malta fl-10 *ta' Novembru* 1953;

B'sentenza ta' dik il-Qorti tas-7 ta' Jannar 1953 (fol. 9) l-imputat kien ġie *konvint ta'* delitt u liberat taħt il-provvedimenti ta' l-art. 23 Kap. 12 u assuma l-obligazzjoni preskritta f'dak l-artikolu (fol. 11). "Ex concessis", l-imputat reġa *kkommetta* delitt ieħor *fiż-żmien* tal-preskrizzjoni ta' l-ewwel delitt, u b'sentenza ta' l-4 ta' Awissu 1953 ġie kundannat mill-Qorti fuq imsemmija għal dan it-tieni delitt. Biċ-ċitazzjoni odjerna l-imsemmi Xuereb ġie mressaq quddiem dik il-Qorti fuq l-imputazzjoni li kien kiser l-obligazzjoni minnu *assunta meta* ġie lilu mogħti l-art. 23 Kap. 12. Dik il-Qorti, bis-sentenza fuq imsemmija ta' l-10 ta' Novembru 1953, issa appellata, iddikjarat li ma hemmx lok għall-applikazzjoni tal-piena relativa għad-dikjarazzjoni ta' reità u liberazzjoni kondizzjonali tas-7 ta' Jannar 1953, għaliex irriteniet li l-applikazzjoni *ta' din* il-piena kien imissha ntalbet u ġiet akkordata jew le, fid-diskrezzjoni tal-Qorti, f'dik il-kawża stess li fiha l-imputat ġie addebitat tat-tieni delitt u kundannat għalih, ċjoè fil-kawża definita fl-4 ta' Awissu, 1953. L-Attorney General appella, għaliex jirritjeni li l-applikazzjoni tal-piena *sospiża tista'* tiġi mitluba, kif ġiet mitluba f'dan il-każ, anki wara, f'kawża separata;

Wara li semgħet l-argumenti, din il-Qorti kkunsidrat;

Hu indubitat illi s-"substantive provision" hi l-art. 23, u

li l-art. 520 hu dispożizzjoni proċedurali. Dan jidher mhux biss mid-dicitura ta' l-artikoli, iżda anki mil-fatt li, mentri l-art. 23 qiegħed fl-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Penali, fejn hemm il-liġijiet penali, l-art. 520 qiegħed fit-Tieni Ktieb, fejn hemm id-dispożizzjonijiet proċedurali;

Issa, x'tgħid is-"substantive provision" dwar il-każ meta bniedem, li jkun ħa l-benefiċċju tal-"first offenders", jerġa jikkommetti reat fiż-żmien preskrizzjonali?

L-art. 23 jgħid hekk :— "If it shall be proved that the offender has committed a second crime, or a second contravention, within the time referred to in subsection (1) of this section, he shall be liable to the punishment laid down for such second crime or contravention, and the Court may also sentence him in respect of the first offence of which he had been found guilty......";

Issa, hu paċifiku li ma jistax jingħad b'mod assolut li, malli tintuża mill-legislatur il-kelma "may", allura din hija, bilfors u fil-każijiet kollha indistintament, indikativa ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni fakoltativa; għaliex jista' f'xi każijiet ikollha s-sens ta' "must";

Liema huma dawn il-każijiet li fihom il-kelma "may" ma hijiex aktar "permissive", iżda ssir "imperative"?

Il-pont in diżamina hu ampjament trattat f'edizzjoni reċenti (1953) tat-test "The Interpretation of Statutes" ta' Maxwell. F'din it-test jingħad hekk (p. 239) :— "Statutes which authorise persons to do acts for the benefit of others, or, as it is sometimes said, for the public order or the advancement of justice, have often given rise to controversy, when conferring the authority in terms simply enabling, and not mandatory. In enacting that they 'may', or 'shall, if they think fit', or that 'it shall be lawful for them to do such acts', a statute appears to use the language of mere permission, but it has been so often decided, as to have become an axiom, that in such cases such expressions may have — to say the least — a compulsory force, and so would seem to be modified by judicial exposition. On the other hand, in some cases, the authorised person is invested with a discretion, and

then these expressions seem divested of that compulsory force, and probably *that is the prima facie meaning*";

Dan l-awtur ikompli jgħaddi in rassenja diversi deċiżjonijiet tal-Qrati Ngliżi; u s-sustanza ta' dawn id-deċiżjonijiet hija fis-sens li, għalkemm "from the nature of the English language the word '*may*' *can never mean* '*must*', that it is only potential", b'dan kollu, meta jkun hemm dik il-kelma "may", jibqa' dejjem li wieħed jeżamina "whether there is anything that makes it a duty of the person on whom the power is conferred to exercise that power. If not, the exercise is discretionary. But when the power is coupled with a duty of the person to whom it is given to exercise it, then it is imperative" (pp. 212-213);

Din id-"duty" tista' tkun lejn xi persuna partikulari li jkollha d-dritt li titlob favur tagħha *l-eżerċizzju ta'* dak il-poter, jew lejn il-publiku, jew aħjar l-interess publiku;

L-awtur fuq imsemmi jiċċita, bħala eżempju ta' l-ewwel każ ("duty" favur persuna), il-każ ta' ligi "conferring power on the Courts to direct that a person entitled to costs should recover them", u jgħid li *dispożizzjoni* simili "is no mere permission to do such acts, with a corresponding liberty to abstain from doing them". Jiċċita, mbgħad, bħala eżempju ta' 'duty' favur l-interess publiku, il-każ ta' "statute empowering justices to *adjudicate in certain* cases, that is, to impose a certain penalty on persons whom they should find guilty of a certain offence"; u jgħid: "It is incontestable that they would have no option to decline jurisdiction because the statute used only the word 'may' instead of the word 'shall'. There would be here *such a right* in the public as to make it the duty of the justices to exercise the power";

Similment, fil-ġurisprudenza tas-Superior Court tal-Amerika, fil-kawża "Supervisors v. U.S." (1866) 4 Wallace 446, ġie *ritenut illi* "*that which public officers* are empowered to do for a third person the law requires shall be done, wherever the public interest or individual rights call for the exercise of the power, since the latter is given not for their benefit, but for his, and is placed with the depository to meet the *demands of right and to prevent the failure of justice. In all*

such cases the intent of the legislator, which is the test, is not to grant a mere discretion, but to impose a positive and absolute duty'';

Issa, dan hu preċiżament il-każ preżenti. Meta imputat jinstab ħati ta' reat, allura normalment għandha tiġi applikata l-piena; għaliex, fost raġunijiet oħra, tant jeżiġi l-interess pubbliku, biex tiġi ristabbilita fil-pubbliku dik l-opinjoni tas-sikurezza soċjali li ġiet skossa bir-reat. Iżda, f'ċerti każijiet, il-liġi tammetti li l-piena tiġi sospiża, basta li l-imputat jobbliga ruħu li ma jikkommettix reat ieħor fiż-żmien preskrizzjonali ta' l-ewwel reat, u b'hekk l-interess pubbliku jiġi soddisfatt b'dik l-obligazzjoni li tkun intiża biex tevita reiterazzjoni kriminoża. Meta mbagħad dak l-imputat jikser l-obligazzjoni u jikkommetti reat ieħor, allura l-istess interess pubbliku jeżiġi li tiġi irrogata l-piena sospiża. Konsegwentament, il-poter akkordat lill-Qorti li tagħti kif-beneficjat bl-art. 23 il-piena ta' l-ewwel reat, meta dan jikser l-obligazzjoni għax jikkommetti reat ieħor, hu poter akkordat fl-interess soċjali, li mhux diskrezzjonali, imma għandu jiġi eżerċitat meta jikkonkorru l-kondizzjonijiet biex jiġi eżerċitat. Għalhekk, meta l-Qorti hi soddisfatta li kien hemm dikjarazzjoni ta' reità preċedenti, li l-imputat assuma l-obligazzjoni preskritta mill-art. 23 li ġie lilu applikat, li l-imputat li jinġieb quddiemha hu dak stess li assuma l-obligazzjoni, li hu kkommetta reat ieħor, u li dan ir-reat l-ieħor ġie kommess fiż-żmien imsemmi mill-liġi, allura l-Qorti, kuntrarjament għal dak li rriteniet l-Ewwel Qorti, ''għandha'' tgħaddi għall-applikazzjoni tal-piena kongruwa; u l-poter lilha akkordat mhux sempliċi diskrezzjoni, għaliex hu poter intiż biex jittutela l-ordni publiku skoss bl-ewwel reat bla ma ġie allura ristabbilit bl-irrogazzjoni tal-piena minħabba l-applikazzjoni, allura, ta' l-art. 23;

Jista' jiġi obbjettat illi din il-konklużjoni ta' din il-Qorti dwar dan l-ewwel pont, tinsab kontraddetta mill-lokuzzjoni ta' l-art. 520, li trattandosi tal-każ li fih ikun hemm ir-rinviju minn Qorti għal oħra, juża, a propożitu tal-kundanna eventwali għall-ewwel reat, il-kliem ''if it deems proper''. Apparti l-fatt li, trattandosi tal-każ ta' l-istess Qorti, hemm il-kelma ''shall'', u mhux loġiku li tkun imperativa f'każ u

fakoltativa f'ieħor, hu riċevut fil-ġurisprudenza in materja li, anki b'dawn *il-kliem b'kollox*, jew *kliem simili*, *il-poter* akkordat, jekk hemm id-"duty" li jiġi eżerċitat, kif ġa ngħad, hu ugwalment imperativ. Jgħid il-Maxwell, b'ċitazzjoni kopjuża tal-ġurisprudenza in materja ;— "The power is not made less imperative by express reference to the discretion of the authorised person". L-awtur jiċċita każijiet tal-kliem "if they should so think". Ikompli jgħid : "In all such cases they must exercise the power; they must think fit to do so, whenever the occasion for it has arisen" (pp. 248-249) ;

Iżda din is-soluzzjoni ma *tirriżolvix il-kwistjoni li* qegħedha quddiem il-Qorti, in kwantu turi biss li, meta saret il-kawża definita fl-4 ta' Awissu 1953, il-Qorti ma setgħetx teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u ma tapplikax il-piena ta' l-ewwel reat, jekk kienu jikkonkorru l-kondizzjonijiet biex din il-piena tiġi applikata ; imma jibqa' dejjem il-pont jekk, ġa ladarba dik il-Qorti ma kkundannatx l-imputat odjern għall-ewwel reat (sija għax ebda talba ma saritilha, jew ma ġietx infurmata li kien hemm vjolazzjoni ta' l-obligazzjoni ta' l-art. 23, jew *għax dehrilha li kien għaliha fakoltativ tapplika l-*piena jew le), huwiex issa leċitu, f'kawża oħra bħal ma hija din, li tintalab l-applikazzjoni tal-piena sospiża ;

Għas-soluzzjoni ta' dan il-pont jissokkorri l-art. 520 fuq imsemmi, li f'każ bħal dan, fejn il-Qorti li tkun iddikjarat pruvat l-ewwel reat hi l-istess li quddiemha jkun inġieb l-imputat u kundannat għat-tieni reat, jgħid :— "Where any person, who has been released conditionally, is convicted of a second crime, or of a second contravention, as provided in subsection (2) of section 23, *the Court, if it is the same that* had declared the first crime, or the first contravention, to have been proved as provided in subsection (1) of the said section, shall proceed to sentence the offender to the punishment established for the first crime, or the first contravention......" ;

Il-kliem materjali għall-kwistjoni nvoluta f'dan l-appell huma l-kliem "......the Court, if it is the same.........shall proceed to sentence the offender to the punishment established for the first *crime, or contravention......*" ;

F'dan il-każ, meta l-imputat ingieb quddiem il-Qorti Kriminali tal-Magistrati u gie kundannat għad-delitt imsemmi fis-sentenza tagħha ta' l-4 ta' Awissu 1953, din kienet l-istess Qorti ta' kompetenza inferjuri li kienet iddikjaratu ħati tad-delitt li għalih kien gie lilu mogħti l-art. 23 fis-sentenza ta' dik il-Qorti Inferjuri tas-7 ta' Jannar 1953; u għalhekk "hemm kien il- waqt" li fih l-imputat kien imissu gie kundannat għall-ewwel reat. L-Attorney General jgħid li ma hemm xejn fil-liġi li jimpedixxi li, jekk dan ma sarx f'dak il-waqt issir issa, wara; imma din il-Qorti hi ta' fehma li b'daqshekk tkun qegħedha tigi improprjata l-lokuzzjoni tal-liġi, u newtralizzata d-dispożizzjoni tagħha. Infatti, għalfejn il-liġi qalet li dik il-Qorti stess, li tikkundanna għat-tieni reat, "shall proceed to sentence the offender etc. etc.", jekk dawn il-kliem jiġu transandati, u l-kundanna għall-ewwel reat issir fi proċeduri oħra separati sussegwenti? Il-lokuzzjoni tal-liġi hi suffiċjentement ċara, anki sempliċement bħala l-ittra tal-liġi. Iżda hemm anki r-"ratio legis". Hemm raġuni qawwija l-għaliex il-liġi riedet li l-istess Qorti, li tkun ikkundannat għat-tieni reat (meta hi l-istess li tkun iddikjarat l-imputat ħati ta' l-ewwel reat), tgħaddi 'hic et nunc' biex tikkundanna għall-ewwel reat. Ir-raġuni hija li, tant għat-tieni kemm għall-ewwel reat, hemm, bħala regola, massimu u minimu tal-piena, u hu xieraq u ġust li l-ġudikant li jkun ikkundanna għat-tieni reat, ġa ladarba jaf li l-imputat sejjer jiġi kastigat issa anki għall-ewwel reat, jieħu din iċ-ċirkustanza, jekk jidhirlu, in konsiderazzjoni, meta jiġi biex iqies il-piena għal reat wieħed u l-ieħor fil-latitudini li tagħtieh il-liġi: mentri, jekk l-imputat jingieb wara, fi proċeduri separati, allura, sija għax il-piena għat-tieni reat tkun ġa ġiet inflitta, sija għax il-ġudikant jista' jkun divers minn dak ta' qabel u ma jkollux quddiemu ż-żewġ każijiet, jista' jkun hemm eżasperazzjoni żejda tal-piena, kunsidrata komplessivament, tat-tieni u ta' l-ewwel reat;

Għal dan l-argument jista' jiġi obbjettat li l-inkonvenjent jiġri bilfors meta l-Qorti li tikkundanna tkun diversa, u jkollha, skond l-art. 520, tirrinvija l-attijiet quddiem il-Qorti l-oħra li tkun għamlet l-ewwel dikjarazzjoni ta' reità. Dan

*hu veru, imma dan hu każ fejn ir-"ratio legis" bija eskluża biċ-ċirkustanza irrimedjabbli tal-fatt, u mhux b'xi ħsieb tal-leġislatur kuntrarju għal dik ir-"ratio". Minbarra hekk, il-liġi fettċet li tirrimedja b'xi mod, billi f'dan il-każ ta' rinviju imponiet li l-Qorti, qabel ma tgħaddi għall-kundanna dwar l-ewwel reat, tisma l-imputat, u skond il-każ l-Attorney General jew l-Uffiċjal Prosekutur tal-Pulizija, preżumibilment biex tkun infurmata sewwa biċ-ċirkustanzi kollha tal-każ. L-Avukat tal-Kuruna, fir-rikors ta' l-appell (għalkemm *in konnessjoni ma' l-ewwel pont*, u mhux ma' dan) jgħid li s-smiegħ ta' l-imputat u ta' l-Attorney General jew ta' l-Uffiċjal tal-Pulizija huma fakoltativi, għax fit-test originarjament promulgat (art. 30 Ord. I ta' l-1903) ma kienx hemm virgola bejn il-kliem "if it deems proper" u l-kliem "after hearing the said parties"; iżda mhux hekk, mhux biss għaliex ftit qabel, fl-istess paragrafu, il-liġi qalet li l-Qorti għandha tappunta ġurnata biex tisma lil dawk fuq imsemmija, imma anki għax fit-test taljan — li kien allura t-test awtentiku tal-liġi — *hu ċar li l-espressjoni* "se lo crederà giusto" ma kienetx tiggverna l-kliem "dopo di aver sentito le dette parti", u kien għalhekk li fir-Revised Edition il-punteġġjatura saret konformi għat-test taljan;

Għalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li, ġa ladarba l-Qorti li kkundannat għat-tieni reat ma ġietx "moved" biex tapplika l-piena għall-ewwel reat, u ma applikathiex, issa ma jistax isir dak li kien imissu sar allura; għaliex, kieku kien hekk, il-kliem " ...... the Court, if it is the same that had declared the first crime, or the first contravention, to have been proved as provided in subsection (1) of the said section, shall proceed to sentence the offender to the punishment established for the first crime, or the first contravention", kuntrarjament għal kull prinċipju ta' ermenewtika, ma kienx ikollhom sens;

L-Attorney General, fir-rikors ta' l-appell, invoka l-prattika dijuturna diversa; iżda hu ċar li l-"praxis Curiae" ma tistax tiġi nvokata bħala "observantia interpretativa" meta tikkozza ma' l-ittra tal-liġi, kif inhu l-każ;

Del resto, il-Prosekuzzjoni jkollha dejjem f'idejha l-fedina penali ta' l-imputat, u hu faċili għaliha, tant fil-Qorti

t'Isfel kemm fil-Qorti ta' Fuq, skond il-każ, li titlob il-kundanna għall-ewwel reat fil-waqt opportun preskritt mill-liġi:

Għal dawn il-motivi, u fis-sens biss tal-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.